Excellent writing and verbal communication skills in Maltese and English and preferably also in Italian;

Għarfien tas-setturi kulturali u kreattivi;

Tkun networker eċċellenti;

Għarfien ġenerali tal-proċeduri tal-uffiċċju u ħiliet fil-kitba kummerċjali;

Ħiliet qawwija ta' organizzazzjoni u amministrazzjoni, kif ukoll attenzjoni għad-dettall;

Ħiliet interpersonali b'saħħithom u ta' servizz tal-klijenti;

Turija ta' abbiltà ta' osservazzjoni u kisba ta' ħiliet ġodda marbuta ma' ħiliet ta' komunikazzjoni esterna u interna;

Mentalità kreattiva u l-abbiltà ta' ħidma tajba meta taħt pressjoni, it-twettiq ta' kompiti b'mod effiċjenti, u żamma ma' skadenzi stretti;

Impenn għal servizz tal-klijenti u ġestjoni kwalitattiva.

**Il-Kuntratt**

Il-kandidat(a) magħżul(a) se j/tingħata Kuntratt ta' Servizz għal sena waħda (1), bil-possibbiltà li jiġi mġedded, skont il-prestazzjoni matul is-sena.

Il-kandidat(a) magħżul(a) j/taqa' taħt il-Kap Eżekuttiv tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali u l-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Arti. Biex jintlaħqu t-talbiet u r-rekwiżiti ta' din il-pożizzjoni, il-ħinijiet huma flessibbli. Il-kandidat(a) magħżul(a) mitlub(a) j/taħdem skont ir-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Il-kandidat(a) magħżul(a) j/tintalab j/taħdem 20 siegħa fil-ġimgħa fl-uffiċċji tal-Kunsill Malti għall-Arti u hija meħtieġa d-disponibbiltà għal laqgħat online, fuq is-sit u fl-uffiċċju. Il-ħinijiet huma flessibbli u huwa meħtieġ li ssir ħidma f'ħinijiet mhux skedati u mhux tas-soltu skont l-esiġenzi tax-xogħol internazzjonali.

Ir-rimunerazzjoni hija ta' €14,400 (VAT eskluża iżda ċ-ċifra tinkludi kwalunkwe taxxa u spiża oħra marbuta) kull sena. Barra minn hekk, matul id-durata tal-kuntratt, fl-aħħar tas-sena jingħata Bonus għall-Prestazzjoni li jitla' sa massimu ta' 10% skont id-diskrezzjoni tal-Kap Eżekuttiv tar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali.

Il-pagament jiġi pproċessat kull xahar kontra fattura b'numru tal-VAT validu.

**L-Applikazzjonijiet**

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimken ma' CV u kopji attestati taċ-ċertifikati tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies@artscouncil.mt).

Knowledge of the cultural and creative sectors;

Excellent networker;

General awareness of office procedures and business writing skills;

Strong organisational and administrative skills and attention to detail;

Excellent interpersonal skills and customer service skills;

Demonstrated ability to observe and acquire new skills pertaining to external and internal communication skills;

A creative mindset and the ability to work well under pressure, completing tasks efficiently, and handling tight deadlines;

A commitment to customer service and quality management.

**Contract**

The selected candidate will be awarded a one (1) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period, depending on his/her performance.

Answerable to the Executive Head, International Cultural Relations and the acting Exec Chair of Arts Council Malta, operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position. The chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The selected service provider will be required to work 20 hours a week based at Arts Council Malta and will be required to be available for meetings via internet, on-site and at the office. S/he will have flexible working hours and will be able to provide services during unscheduled or at unusual times as required by the exigencies of the international work.

The remuneration is €14,400 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year. In addition, for the duration of the contract, the Service Provider shall receive an end of year Performance Bonus up to a maximum of 10% at the discretion of the Executive Head, International Cultural Relations.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

**Applications**

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and certified copies of certificates to (vacancies@artscouncil.mt).

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025, f'nofsinhar

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

It-8 ta' Lulju, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

**Sejħa għas-Servizz ta' Assistent Amministrattiv Klerikali mal-Kunsill Malti għall-Arti**

Il-Kunsill Malti għall-Arti qed jiftaħ sejħa għas-servizz ta' Assistent Amministrattiv Klerikali biex jingħaqad mat-tim tal-komunikazzjoni. Dan is-servizz jitlob twettiq ta' kompiti amministrattivi u klerikali biex jgħin l-operat tas-Sezzjoni tal-Komunikazzjoni.

**Ir-Responsabbiltajiet Ewlenin**

Il-kandidat(a) magħżul(a) irid jaqdi dawn id-dmirijiet li ġejjin fost oħrajn:

Għajnuna amministrattiva fil-kordinazzjoni tal-komunikazzjoni, il-marketing u l-inizjattivi tar-relazzjonijiet pubbliċi;

Għajnuna fl-organizzazzjoni u t-tħejjija ta' materjali ta' komunikazzjoni, rapporti, stqarrijiet għall-istampa, u pubblikazzjonijiet;

Għajnuna fl-operat kwotidjan tal-uffiċċju, fosthom dħul ta' data, iffajljar, żamma ta' rekords, korrispondenza, u dmirijiet marbuta mal-għoti tal-kuntratti.

Għajnuna fil-kordinazzjoni tal-avvenimenti, konferenzi, u laqgħat organizzati mis-Sezzjoni tal-Komunikazzjoni;

Żamma ta' kollegament mal-fornituri, il-fornituri ta' servizzi, u partijiet ikkonċernati oħra kif meħtieġ;

Immaniġġjar ta' komunikazzjoni bit-telefown u ittri elettroniċi u żgurar ta' risposti fil-ħin għal mistoqsijiet interni u esterni;

Żamma u aġġornament ta' listi ta' impostar, databases, u sistemi tal-iffajljar;

Twettiq ta' dmirijiet oħrajn amministrattivi u klerikali kif meħtieġ biex tiġi sostnuta l-funzjoni tas-Sezzjoni tal-Komunikazzjoni.

**Kompetenzi Essenzjali u Kundizzjonijiet tax-Xogħol Anormali**

Konċentrazzjoni fuq il-kompiti b'enerġija u motivazzjoni;

Closing date for applications is Thursday, 24th July, 2025, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

8th July, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

**Call for Service Office Administrator Assistant with Arts Council Malta**

Arts Council Malta is seeking the services of an Office Administrator Assistant to join the communications team. The selected candidate shall perform administrative and clerical tasks to support the operations of the Communications Section.

**General Responsibilities**

The duties of the selected candidate are to include but not limited to:

Providing administrative support in the coordination of communications, marketing, and public relations initiatives;

Assisting in the organisation and preparation of communication materials, reports, press releases, and publications;

Supporting day-to-day office operations, including data input, filing, record-keeping, correspondence, and procurement-related duties.

Assisting with the coordination of events, conferences, and meetings organised by the Communications Section;

Liaising with suppliers, service providers, and other external stakeholders as required;

Handling telephone and email communication and ensuring timely responses to internal and external queries;

Maintaining and updating mailing lists, databases, and filing systems;

Performing other administrative and clerical duties as may be required to support the functioning of the Communications Section.

**Essential Competences and Abnormal Working Conditions**

Task-focused, with energy and motivation;

Żamma ma' skadenzi stretti;

Ħila ta' prijoritizzazzjoni u ħidma taħt pressjoni;

Użu u tħaddim ta' ġudizzju indipendenti u matur;

Ħiliet interpersonali, kif ukoll ta' komunikazzjoni bil-kitba u orali mill-aqwa;

Ħiliet ta' organizzazzjoni u attenzjoni għad-dettall;

Ħidma skont in-neċessità biex jintlaħqu l-iskadenzi.

Din id-deskrizzjoni tal-impjieg mhijiex neċessarjament lista eżawrjenti ta' dmirijiet imma għandha l-għan li tirrifletti firxa ta' dmirijiet li l-Assistent Amministrattiv Klerikali għandu jaqdi. Id-deskrizzjoni tal-impjieg tista' tiġi riveduta regolarment u tista' tinbidel.

**Il-Kwalifiki u l-Esperjenza Meħtieġa**

Esperjenza f'xogħol amministrattiv u/jew klerikali. Esperjenza preċedenti f'amministrazzjoni klerikali jew irwoli simili jitqiesu bħala vantaġġ;

Għarfien u esperjenza fl-użu tal-applikazzjonijiet tal-Microsoft Office, fosthom il-Word, l-Excel, l-Outlook u l-PowerPoint;

Ħila ta' organizzazzjoni, metikolożità, u ħila li twettaq aktar minn kompitu wieħed fl-istess żmien b'mod effiċjenti;

Ħiliet ta' komunikazzjoni u interpersonali b'saħħithom;

Ħila ta' ħidma kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim;

Ħiliet verbali u ta' kitba eċċellenti kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż;

Kwalifika rikonoxxuta f'Livell 2 tal-MQF jew ekwivalenti;

Esperjenza preċedenti fil-komunikazzjoni jew f'ambjent wiċċ imb wiċċ mal-pubbliku titqies bħala vantaġġ.

Huwa meħtieġ ukoll:

Rekord ippruvat ta' ħidma fis-settur kulturali;

Ħiliet ta' komunikazzjoni bil-kitba u verbali eċċellenti kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż;

Għarfien tas-setturi kulturali u kreattivi;

Tkun networker eċċellenti;

Deal with tight deadlines;

Ability to set priorities and work under pressure;

Use and exercise of independent and seasoned judgment;

Excellent level of interpersonal skills, written, and oral communication;

Organisational skills with attention to detail;

Work as necessary to meet deadlines.

This job description is not necessarily an exhaustive list of duties but is intended to reflect a range of duties the Office Administrator Assistant will perform. The job description may be reviewed regularly and may be changed.

**Qualifications and Experience Required**

Possess experience in administrative and/or clerical work. Previous experience in office administration, or similar roles will be considered an asset;

Have good knowledge and experience in using Microsoft Office applications, including Word, Excel, Outlook, and PowerPoint;

Be highly organised, meticulous, and able to handle multiple tasks efficiently;

Possess strong communication and interpersonal skills;

Be able to work both independently and within a team;

Have excellent verbal and written skills in Maltese and English.

Possess a minimum of MQF Level 2 or equivalent qualification;

Previous experience in a communications or public-facing environment will be considered an asset.

And must have:

Proven track record of working in the Cultural Sector;

Excellent writing and verbal communication skills in Maltese and English;

Knowledge of the cultural and creative sectors;

Excellent networker;

Għarfien ġenerali ta' proċeduri tal-uffiċċju u tar-Regolamenti tal-Għoti tal-Kuntratti Governattivi;

Ħiliet b'saħħithom ta' organizzazzjoni u amministrattivi u attenzjoni għad-dettall;

Ħiliet b'saħħithom interpersonali u ta' servizz tal-klijenti;

Turija ta' abbiltà ta' osservazzjoni u kisba ta' ħiliet ġodda marbuta ma' ħiliet ta' komunikazzjoni esterna u interna;

Mentalità kreattiva u l-abbiltà ta' ħidma tajba meta taħt pressjoni, it-twettiq ta' kompiti b'mod effiċjenti, u żamma ma' skadenzi stretti;

Impenn għal servizz tal-klijenti u ġestjoni kwalitattiva.

**Il-Kuntratt**

Il-kandidat(a) magħżul(a) se j/tingħata Kuntratt ta' Servizz għal sena waħda (1), bil-possibbiltà li jiġi mġedded, skont il-prestazzjoni matul is-sena.

Il-kandidat(a) magħżul(a) j/taqa' taħt il-Kap tal-Komunikazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti. Biex jintlaħqu t-talbiet u r-rekwiżiti ta' din il-pożizzjoni, il-ħinijiet huma flessibbli.

Ir-rimunerazzjoni hija ta' €24,000 (VAT eskluża iżda ċ-ċifra tinkludi kwalunkwe taxxa u spiża oħra marbuta) kull sena għal 40 siegħa fil-ġimgħa.

Il-pagament jiġi pproċessat kull xahar kontra fattura b'numru tal-VAT validu.

**L-Applikazzjonijiet**

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu dawn li ġejjin:

1. Ittra li fiha jiddeskrivu l-interess u l-adegwatezza tagħhom għal dan ir-rwol.

2. Resume/CV kurrenti.

3. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies@artscouncil.mt)

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025, f'nofsinhar

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

It-8 ta' Lulju, 2025

General awareness of office procedures and knowledge of Governments Procurement Regulations;

Strong organisational and administrative skills and attention to detail;

Excellent interpersonal skills and customer service skills;

Demonstrated ability to observe and acquire new skills pertaining to external and internal communication skills;

A creative mindset and the ability to work well under pressure, completing tasks efficiently, and handling tight deadlines;

A commitment to customer service and quality management.

**Contract**

The selected candidate will be awarded a one (1) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period of one (1) year, depending on his/her performance.

Answerable to the Head Communications of Arts Council Malta, operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position.

The remuneration is of €24,000 (excluding VAT but including any other taxes or charges) for 40 hours per week.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

**Applications**

Interested applicants are required to submit the following:

1. A cover letter outlining their interest and suitability for the role.

2. A current resume/CV.

3. Applications are to be sent on (vacancies@artscouncil.mt)

Closing date for applications is on Thursday, 24th July, 2025 at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

8th July, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Vocational Trainers fl-iskejjel tal-Gvern, Ċentri tat-Tagħlim u fl-Alternative Learning Programme (ALP)**

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jservu, permezz ta' kuntratt ta' servizz, bħala Vocational Trainers fl-iskejjel tal-Gvern, Ċentri tat-Tagħlim u fl-Alternative Learning Programme (ALP), għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Settembru, 2025 sas-6 ta' Lulju, 2026.

Il-Vocational Trainers huma meħtieġa f'dawn l-oqsma:

Building Services
Carpentry
Information Technology

Kull min hu interessat għandu jkollu kwalifika fil-Livell 4 tal-MQF fil-qasam li jkun applika fih. Kwalifika ta' Livell 3 tal-MQF flimkien ma' tmien (8) snin esperjenza fit-tagħlim tiġi meqjusa biss meta din tkun l-ogħla kwalifika fis-suġġett ikkonċernat. Min jintgħażel hu mistenni li jaħdem sa mhux iktar minn 27.5 siegħa fil-ġimgħa, fil-ġranet tal-iskola.

Espressjonijiet ta' Interess jintlaqgħu fuq (https://edurecruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ħamis, 31 ta' Lulju, 2025. Mal-applikazzjoni għandu jkun hemm mehmuż CV flimkien mal-kopji taċ-ċertifikati oriġinali.

L-applikanti jiġu intervistati. Waqt l-intervista huma mistennija jippreżentaw:

Il-karta tal-identità;
Ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija maħruġ mhux iktar minn xahar qabel id-data tal-għeluq ta' din l-espressjoni ta' interess;
Portafoll b'xogħlijiet li jistgħu jinħadmu mill-istudenti u Learning Outcomes relatati magħhom;
Tagħrif bażiku pedagoġiku ta' attitudnijiet u kwalitajiet meħtieġa biex tikkomunika ma' studenti ta' livelli differenti.

Aktar tagħrif u kjarifiki jistgħu jintalbu minn:

Indirizz elettroniku: (erd-pmd.meyr@gov.mt)

Numru tat-telefown: 25982490.

It-8 ta' Lulju, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Vocational Trainers in State schools and Learning Centres, including the Alternative Learning Programme (ALP)**

The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, will be receiving applications from interested persons to perform duties on a contract for service basis as Vocational Trainers in State schools and Learning Centres, including the Alternative Learning Programme (ALP) from 1st September, 2025 to the 6th July, 2026.

Vocational Trainers are required for the following areas:

Building Services
Carpentry
Information Technology

Interested individuals are to have a qualification at MQF Level 4 in the area applied for. Qualifications at MQF Level 3 plus 8 years teaching experience will only be considered if MQF Level 3 is the highest level qualification in the subject applied for. Selected individuals are expected to work up to a maximum of 27.5 hours a week, on school days only.

Expressions of Interest will be received via (https://edurecruitment.gov.mt) until noon on Thursday, 31st July 2025. Interested parties must also forward a detailed CV and copies of original certificates.

Eligible candidates will be interviewed and will be required to show:

Their ID card;
Their Police Conduct Certificate, issued not more than a month before the closing date of this expression of interest;

A portfolio of work and the relevant Learning Outcomes which can be implemented with students;
Basic knowledge of pedagogy that indicates that one has the necessary qualities and disposition to communicate with students of various abilities.

Further enquiries or clarifications can be obtained through the following contacts:

Email address: (erd-pmd.meyr@gov.mt)

Telephone number: 25982490

8th July, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Promoturi tal-Litteriżmu, Programmi tal-Kitba fi ħdan l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (part-time)**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 421/2025 (ir-raba' sejħa)*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promoturi tal-Litteriżmu, Programmi tal-Kitba (part-time).

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa l-applikanti jrid ikollhom dawn ir-rekwiżiti:

1. Kwalifika universitarja rikonoxxuta (Baċellerat) fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla fl-Edukazzjoni JEW fl-Ingliż JEW fil-Malti; U

2. Tlestija b'suċċess tal-kors tal-Istitut għall-Edukazzjoni It-Tagħlim tal-Ħiliet tal-Kitba fl-Iskejjel Primarji u Sekondarji (Award) JEW l-Invitational Writing Institute tal-Programm tal-Kitba ta' Malta JEW it-Taħriġ għall-Għalliema fil-Proċess tal-Kitba JEW ekwivalenti JEW ogħla;* U

3. Tal-anqas tliet snin esperjenza fit-tagħlim u/jew fl-assistenza tat-tagħlim; U

4. Kompetenza fil-kitba u t-taħdit tal-Malti u tal-Ingliż (tal-anqas ċertifikazzjoni fil-Livell 3 tal-MQF).

*Applikanti li ma jissodisfawx it-tieni kriterju jkunu kkunsidrati jekk jikkommettu ruħhom li jsegwu u jtemmu b'suċċess it-taħriġ rilevanti matul l-ewwel sena tal-impjieg tagħhom.

L-applikanti magħżula jridu jkunu lesti joffru s-servizz tul is-sena kollha (mhux biss tul is-sena skolastika). Idealment, ikunu disponibbli kemm waqt kif ukoll barra l-ħin tal-iskola. Bħalissa l-Aġenzija teħtieġ impjegat part-time biex jaħdem sigħat waqt il-ħin tal-iskola u impjegat ieħor part-time biex jaħdem wara l-ħin tal-iskola u Sibtijiet**.**

Mal-applikazzjoni għandhom jinhemżu kopji ta' ċertifikati u/jew dokumenti rilevanti fosthom il-kwalifiki u l-esperjenza mitluba f'din is-sejħa.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bil-posta lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 22 ta' Lulju, 2025, f'nofsinhar.

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for Resource Leaders, Writing Programmes (part-time) within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number: 421/2025 (fourth call)*

The National Literacy Agency is seeking to recruit Resource Leaders, Writing Programmes (part-time).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised degree at MQF Level 6 or higher in Education OR English OR Maltese; AND

2. Successful completion of the Institute for Education programme Teaching Writing Skills in Primary and Secondary Schools (Award) OR the Malta Writing Programme Invitational Writing Institute OR the Writing Process One-week Training for Teachers OR equivalent OR higher;* AND

3. A minimum of 3 years teaching and/or learning support experience; AND

4. Fluency in written and spoken Maltese and English (minimum certification at MQF Level 3).

*Applicants who are not in possession of eligibility criterion 2, will only be considered if they commit to follow and successfully complete the relevant training during their first year of employment.

Selected candidates must be available to render service throughout the calendar year (not only the scholastic year). Ideally, they should be available during and/or outside school hours. The current vacancies are for a tutor to work during school hours, and another tutor to work after school hours and/or Saturdays.

Qualifications and claimed experience must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by post to Recruitment, National Literacy Agency, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Tuesday, 22nd July, 2025, at noon.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti se jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

It-8 ta' Lulju, 2025

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

**Opportunitajiet ta' Karriera**

Il-missjoni tal-Awtorità dwar il-Mediċini hi li tipproteġi s-saħħa pubblika permezz tar-regolamentazzjoni tal-prodotti mediċinali u l-attivitajiet farmaċewtiċi. L-Awtorità dwar il-Mediċini qed tfittex li timpjega:

Assessor (Safety)
*(Permess tal-Jobsplus Numru 567/2025)*

Regulatory Pharmacist
*(Permess tal-Jobsplus Numru 568/2025)*

Senior Administrator
*(Permess tal-Jobsplus Numru 570/2025)*

Junior Administrator
*(Permess tal-Jobsplus Numru 415/2024)*

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (hr.medicinesauthority@gov.mt) sa nofsinhar tas-Sibt, 26 ta' Lulju, 2025.

It-8 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

**Sejħa għal Xufier (Full-time) Skala 18**

*Jobsplus Permit Nru 227/2025*

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija qed joħroġ sejħa għall-post vakant ta' Xufier fi Skala 18.

**Dettalji tal-Impjieg**

Post: Kunsill Lokali x-Xewkija

Grad: Skala 18

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies/), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

8th July, 2025

MALTA MEDICINES AUTHORITY

**Career Opportunities**

The mission of the Malta Medicines Authority is to safeguard public health through the regulation of medicinal products and pharmaceutical activities for human use. The Malta Medicines Authority is seeking to employ:

Assessor (Safety)
*(Jobsplus Permit Number 567/2025)*

Regulatory Pharmacist
*(Jobsplus Permit Number 568/2025)*

Senior Administrator
*(Jobsplus Permit Number 570/2025)*

Junior Administrator
*(Jobsplus Permit Number 415/2024)*

Further information may be obtained from (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Applications are to be submitted by email to (hr.medicinesauthority@gov.mt) by not later than noon of Saturday, 26th July, 2025.

8th July, 2025

XEWKIJA LOCAL COUNCIL

**Call for Applications – Driver (Full-time), Scale 18**

*Jobsplus Permit No. 227/2025*

The Xewkija Local Council is issuing a call for the vacant post of Driver in Scale 18.

**Job Details**

Location: Xewkija Local Council

Grade: Scale 18

Kundizzjoni: Impjieg permanenti, suġġett għal perjodu ta' prova ta' 6 xhur

**Rekwiziti**

L-applikanti għandhom:

Ikunu fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan valida tal-Kategorija B, preferibbilment fil-pussess ta' Ċertifikat ta LPTV;

Ikunu kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv bil-Malti u bl-Ingliż, kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm;

Jippreżentaw ċertifikat ta' kondotta riċenti (maħruġ mhux aktar minn 6 xhur qabel id-data tal-applikazzjoni);

Jikkonformaw mal-ħtiġiet kollha relatati mas-sigurtà fit-trasport u mal-leġiżlazzjoni applikabbli

**Dmirijiet Ewlenin**

Is-sewqan ta' vetturi uffiċjali għall-iskopijiet amministrattivi u operattivi;

Żamma bażika u tindif tal-vettura;

Jirrappurtaw kwalunkwe difett jew inċident;

Dmirijiet oħrajn skont l-esiġenza tal-Kunsill

**Applikazzjonijiet**

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2025, flimkien ma':

Kopja tal-liċenzja tas-sewqan;

Ċertifikat ta' kondotta;

Curriculum Vitae (CV).

Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (marion.mejlak.1@gov.mt), jew bil-posta indirizzati:

Is-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali x-Xewkija
28, Triq Santa Katarina
Ix-Xewkija, Għawdex

Kandidati eliġibbli jissejħu għall-intervista.

It-8 ta' Lulju, 2025

Conditions: Permanent employment, subject to a 6-month probationary period

**Requirements**

Applicants must:

Be in possession of a valid Category B driving licence, preferably also in possession of a certificate in LPTV;

Be able to communicate effectively in both Maltese and English, in writing and verbally;

Present a recent police conduct certificate (issued no more than 6 months prior to the application date);

Comply with all requirements related to transport safety and applicable legislation

**Main Duties**

Driving official vehicles for administrative and operational purposes;

Basic upkeep and cleaning of the vehicle;

Reporting any defects or accidents;

Performing other duties as required by the Local Council

**Applications**

Applications must be submitted no later than Friday, 18th July, 2025, and must include:

A copy of the driving licence;

Police conduct certificate;

Curriculum Vitae (CV).

Applications should be sent via email to (marion.mejlak.1@gov.mt), or by post to the following address:

The Executive Secretary
Xewkija Local Council
28, Triq Santa Katarina,
Xewkija, Gozo

Eligible candidates will be called for an interview.

8th July, 2025

TRANSPORT MALTA

**Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq**

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-15 ta' Lulju, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn is-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

| Għamla<br>*Make* | Mudell<br>*Model* | Kulur<br>*Colour* | Nru tar-Reġistrazzjoni/ Chassis<br>*Registration/Chassis No.* | Lokalità ta' Tneħħija<br>*Locality of Removal* |
|---|---|---|---|---|
| Renault | Camper | Aħdar | GCC112 | Ħal Balzan |
| Nissan | March | Griż | FCG074 | Il-Qawra |
| SSangyong | Rexton | Griż | LCJ765 | Il-Qawra |
| Toyota | Vitz | Ikħal | ACC056 | Il-Qawra |
| Peugeot | Elyse 100 | Aħmar | LCF186 | Il-Mosta |
| Honda | Civic | Griż | JBO387 | Il-Furjana |
| Toyota | Cami | Ikħal | ABU319 | Tal-Pietà |
| KIA | Ceres | Abjad | FAS241 | Iż-Żejtun |

It-8 ta' Lulju, 2025

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

**Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni**

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf illi skont ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, li n-notifikazzjoni ta'

TRANSPORT MALTA

**Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road**

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 15th July, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained on tel. 2556 4134 between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

8th July, 2025

OFFICE FOR COMPETITION

**Notification of Concentration**

In terms of regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration

konċentrazzjoni bejn BT Group Limited (Birkirkara) u M.A.&A. Services Limited (Ħal Qormi) ġiet ippreżentata nhar it-Tnejn, 30 ta' Ġunju, 2025.

In-natura tal-konċentrazzjoni hija l-akkwist tal-kontroll assolut minn BT Group Limited ta' M.A.&A. Services Limited. BT Group Limited hija s-sid sħiħ ta' BT Commercial Limited, li timporta prodotti minn marki rinomati, b'mod partikolari 'Gree', fil-qasam ta' air conditioning, water heating, il-ventilazzjoni, il-kwalità tal-arja, u soluzzjonijiet ta' enerġija ambjentali sostenibbli.

M.A.&A. Services Limited hija involuta fil-provvista, l-installazzjoni, u s-servizzjar ta' sistemi ta' air conditioning VRF, ventilazzjoni, sistemi ta' ilma mkessaħ, sistemi HVAC, u sistemi ta' building management, fost oħrajn, kif ukoll il-provvista tas-servizzi anċillari kollha relatati magħhom, b'mod partikolari r-rappreżentazzjoni tal-marka 'Daikin' f'Malta.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati sabiex jissottomettu l-oġġezzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar din il-konċentrazzjoni notifikata fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni
u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Il-Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

jew (competition@mccaa.org.mt)

It-8 ta' Lulju, 2025

between BT Group Limited (Birkirkara) and M.A.&A. Services Limited (Qormi) was filed on Monday, 30th June, 2025.

The nature of the concentration is the acquisition of sole control by BT Group Limited of M.A.&A. Services Limited. BT Group Limited fully owns BT Commercial Limited, which imports products from renowned brands, in particular 'Gree', in the field of air heating and cooling, water heating, ventilation, air quality, and environmentally friendly energy solutions.

M.A.&A. Services Limited is engaged in the supply, installation, and servicing of VRF air-conditioning systems, ventilation, chilled water systems, HVAC systems, and building management systems, amongst others, as well as the provision of all ancillary services related thereto, in particular representing the brand 'Daikin' in Malta.

The Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their written objections on this notified concentration within seven days following publication of this notice at the following address:

Malta Competition and Consumer Affairs
Authority
Office for Competition
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

or (competition@mccaa.org.mt)

8th July, 2025

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)**

**Avviż ta' Reġistrazzjoni**

**Ordni Nru 12**

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem 'Local Co-operative Ltd' u l-istatut tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fit-2 ta' Lulju, 2025, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 (1) tal-Att Numru XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

It-2 ta' Lulju, 2025
CB 34/79/169

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Notice of Registration**

**Order No. 12**

It is hereby notified that the Society with the name 'Local Co-operative Ltd' and its statute were registered by the Co-operatives Board on the 2nd July, 2025, in accordance with the provisions of Article 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

2nd July, 2025

## AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Lista ta' kuntratti mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2025 u t-30 ta' Ġunju, 2025, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (AL 352/2016)

It-8 ta' Lulju, 2025

## MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

List of contracts awarded by the Malta Communications Authority during the period between 1st January, 2025 and 30th June, 2025, published in line with Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

8th July, 2025

**Direct Orders**

| Nru<br>*No.* | Numru ta' Referenza tad-Direct Order<br>*Direct Order Reference Number* | Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order<br>*Direct Order Name/Subject of Direct Order* | Data Approvata<br>*Approval Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 21402 | Easychange maintenance 2025 | 07/01/2025 | Easy Change Nordic AB | €36,000.00 |
| 2 | 21496 | Fortigate and firewall support | 13/01/2025 | ICT Solutions | €6,772.00 |
| 3 | 21511 | ETSI Annual Contribution 2025 | 16/01/2025 | ETSI-650 | €9,850.00 |
| 4 | 21547 | Calibration of EMF Equipment | 22/01/2025 | Test & Measurement Instrumentation | €7,060.00 |
| 5 | 21661 | MITA ESRI Contract Year 3 Fee | 26/02/2025 | Malta Info Techn Agency | €41,300.00 |
| 6 | 21730 | In Depth Reports 2025 | 17/03/2025 | Foundation for Information Technology Ac | €92,400.00 |
| 7 | 21861 | Contribution for PS Expo | 25/04/2025 | Min.for Economy,Ent. & Strategic Projects | €12,711.86 |
| 8 | 21846 | Renewal of support services | 25/04/2025 | ATDI Group | €20,868.00 |
| 9 | 21869 | MITA 2025 Service Contract | 05/05/2025 | Malta Info Techn Agency | €34,321.32 |
| 10 | 21909 | Contract - Plants Lease | 16/05/2025 | Innovative Greens Co. Ltd | €5,491.52 |
| 11 | 21978 | Catering Gala Dinner BEREC P4 | 02/06/2025 | Corinthia Caterers Ltd | €9,373.00 |

**Offerti/*Tenders***

| Nru<br>*No.* | Numru ta' Referenza tal-Offerta<br>*Tender Reference Number* | Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta<br>*Tender Name/Subject of Tender* | Data Approvata<br>*Approval Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | SPD7/2024/033 | Real-time spectrum analyser | 22/01/2025 | Test & Measurement Instrumentation | €34,200.00 |
| 2 | SPD7/2024/033 | Broadcast signal analyser | 30/01/2025 | Tektraco | €49,916.51 |

| Nru<br>*No.* | Numru ta' Referenza tal-Offerta<br>*Tender Reference Number* | Isem tal-Offerta/Suġġett tal-Offerta<br>*Tender Name/Subject of Tender* | Data Approvata<br>*Approval Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | SPD7/2024/033 | Portable spectrum analyser | 30/01/2025 | SAF TEHNIKA A/S | €27,860.00 |
| 4 | SPD7/2022/013 | ECS USO Contract Extension | 26/03/2025 | Ernst & Young Limited | €13,750.00 |
| 5 | SPD7/2024/012 | Office Telephone 2025 - 2029 | 25/04/2025 | Epic Communications Limited | €15,094.56 |
| 6 | SPD7/2023/022 | Health insurance 2025 - 2026 | 09/06/2025 | AIB Insurance Brokers Limited | €58,395.00 |

**Kwotazzjonijiet/*Quotations***

| Nru<br>*No.* | Numru ta' Referenza tal-Kwotazzjoni<br>*Quotation Reference Number* | Isem tal-Kwotazzjoni/ Suġġett tal-Kwotazzjoni<br>*Quotation Name/Subject of Quotation* | Data Approvata<br>*Approval Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt VAT Eskluża<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | MCA-SMT/ds/25-5587 | Procurement EMF Equipment | 20/05/2025 | Test & Measurement Instrumentation | €5,950.00 |

Ma kienx hemm varjazzjonijiet bejn l-1 ta' Jannar, 2025 u t- 30 ta' Ġunju, 2025.

There were no variations between 1st January, 2025 and 30th June, 2025.

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Lista ta' kuntratti tal-offerti mogħtija mill-Kunsill Lokali Marsaskala matul il-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2025, ippubblikata skont Regolament 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi S.L. 601.03.

It-8 ta' Lulju, 2025

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

List of tender contracts awarded by the Marsaskala Local Council during the period between January and June 2025, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

8th July, 2025

| Nru<br>*No.* | Ref. Nru tal-Offerta<br>*Tender Ref. No.* | Isem tal-offerta/ Suġġett tal-offerta<br>*Tender Name/Subject of Tender* | Data tal-Għotja<br>*Award Date* | Isem il-Kuntrattur<br>*Name of Contractor* | Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT<br>*Contract Value Excl. VAT* | Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT wara li jkun hemm varjazzjoni<br>*Contract Value Excl. VAT after variation* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | KLM 2025/01 | Works road maintenance and patching works of access and access only roads in the locality of Marsaskala | 10/3/25 | BI Contractors Ltd | €339,597.00 | n/a |

KUNSILL LOKALI L-KALKARA

**Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Kalkara jgħarraf li parkeġġ f'Dawret il-Bajja, il-Kalkara, se jkun projbit kif indikat permezz ta' tabelli 'no parking' minħabba li se tkun magħluqa għat-traffiku nhar it-Tnejn, 21 ta' Lulju, 2025, mis-2.00 p.m. sas-6.00 p.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu mħarrka skont il-liġi.

It-8 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI N-NADUR

**Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

Skont l-Artikolu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa pubblika nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025, fis-6.30 p.m., fis-sala tal-Kunsill n-Nadur.

Ir-residenti li isimhom jidher fl-aħħar reġistru elettorali għall-Kunsill Lokali n-Nadur huma mħeġġa li jattendu u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Il-parteċipanti jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

It-8 ta' Lulju, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

**Laqgħa ta' Konsultazzjoni għar-Residenti**

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jixtieq jgħarraf li se ssir laqgħa ta' konsultazzjoni għar-residenti dwar il-pjan ta' tisbiħ ta' Ġnien Dun Karm Vella, Ħal Safi nhar it-Tnejn, 11 ta' Awwissu, 2025, fis-sala Pietru Pawl Busuttil, Triq il-Menqa, Ħal Safi, fis-6.00 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar reġistru elettorali tal-kunsill lokali ta' Ħal Safi huma mħeġġa li jattendu u jipparteċipaw fid-diskussjoni.

Residenti interessati li jattendu huma mitluba li jċemplu lill-Kunsill Lokali fuq 2168 9168, jew permezz ta' ittra elettronika lil (safi.lc@gov.mt) biex jirriservaw post.

It-8 ta' Lulju, 2025

KALKARA LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Kalkara Local Council notifies that parking will be prohibited in Dawret il-Bajja, Kalkara, in the parking bays indicated by 'no parking' signs due to road closure on Monday, 21st July, 2025, from 2.00 p.m. to 6.00 p.m.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

8th July, 2025

NADUR LOCAL COUNCIL

**Annual Locality Meeting**

In accordance with Article 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Nadur Local Council notifies that it will be holding its locality meeting on Tuesday, 15th July, 2025, at 6.30 p.m., at the Nadur Local Council hall.

All residents whose name appears_ in the last Local Council's electoral register are urged to attend and to participate in this discussion. All those participating can put forward their suggestions for the Council's consideration.

8th July, 2025

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

**Public Consultation Meeting**

The Ħal Safi Local Council notifies residents that a public consultation meeting regarding embellishment plans for Ġnien Dun Karm Vella, Ħal Safi will be held on Monday, 11th August, 2025, at Peter Paul Busuttil Ħall, Triq il-Menqa, Ħal Safi, at 6.00 p.m.

All residents whose names appears in the last Ħal Safi Council's electoral register are urged to attend and participate in the discussion.

Residents interested in attending are requested to call the Local Council on telephone number 2168 9168, or send an email to (safi.lc@gov.mt) for reservations.

8th July, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

**Offerti ssiġillati għall-avviż li ġej għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2025.**

Avviż Nru. 23. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsin (50) sena ta' boathouse bl-arja mhux inkluża tale quale f'Nru 9, Xatt it-Tiben, Il-Furjana, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2021_0203. Dan il-fond irid jintuża għal boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €24,498 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmint elef u mija u sitta u sittin ewro (€8,166) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorita' tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 24 ta' Lulju, 2025.**

Avviż Nru. 24. Bejgħ tale quale tal-Fond Kummerċjali bl-arja mhux inkluża f'Nru 65, Triq San Duminku, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0087. Din il-proprjetà hija mniffda mal-Fond f'Nri 66 u 66A, Triq San Duminku, Tas-Sliema, u dawn il-proprjetajiet flimkien jiffurmaw ħanut wieħed. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €9,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u disgħin elf ewro (€92,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 25. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fit-Telgħa tax-Xemxija, ix-Xemxija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.41_88_2. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u erbgħin elf u ħames mija u wieħed u sebgħin ewro (€42,571) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisement have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 17th July, 2025.**

Advt No. 23. Grant on a temporary emphyteusis for a period of fifty (50) years of a boathouse without its own airspace tale quale at No. 9, Xatt it-Tiben, Floriana, as shown edged in red on the plan P.D.2021_0203. This premises is to be used for boat building light industry (Class 5A of the Use Classes Order, 2014). Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €24,498 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight thousand and one hundred and sixty-six euro (€8,166) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 24th July, 2025.**

Advt No. 24. Sale tale quale of the Commercial Premises without its own airspace at No. 65, Triq San Duminku, Tas-Sliema as shown edged in red on the plan P.D.2022_0087. This property is interconnected with the premises at Nos 66 and 66A, Triq San Duminku, Tas-Sliema, which together form of one whole shop. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €9,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ninety-two thousand euro (€92,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 25. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a Site tale quale at it-Telgha tax-Xemxija, Xemxija, in the limits of Saint Paul's Bay, as shown edged in red on the plan P.D.41_88_2. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-two thousand and five hundred and seventy-one euro (€42,571) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter

tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 26. Bejgħ tale quale ta' store bl-arja mhux inkluża f'Nru 18, Row E3, lil hemm minn Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_81_7_18. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,100 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u għaxart elef ewro (€110,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-8 ta' Lulju, 2025

AWTORITÀ TAD-DJAR

L-Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

**Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju 2025.**

*Avviż Nru. 3/2025. Bejgħ tale quale ta' Garaxx 4, Block H, Triq Jean Houel, San Ġiljan. Offerti taħt €85,000 ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 4/2025. Bejgħ tale quale ta' soil area fi Plott 31, Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbuġ. Offerti taħt €33,290 ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 5/2025. Kera tale quale ta' Washroom f'19, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana. Offerti taħt €2,350 p.a. ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

